# IL-KITBA FL-ALBANIJA

*Ta'* G. CASSAR PULLICINO

KULL poplu jintagħżel minn popli oħra minn drawwietu, minn twemminu, mil-lewn tal-ġilda, mill-għamla tal-wiċċ jew tar-ras, u minn ħafna ħwejjeġ oħra. Imma fuq kollox jintagħżel mill-ilsien li jitkellem kuljum biex ifisser il-bżonnijiet tiegħu, biex wieħed igħallem lill-ieħor, biex ifakkar il-ġrajja, ittqanqil u l-aspirazzjonijiet tiegħu, kif ukoll it-tinqix tal-karattru u l-ħoss tal-qalb u tal-moħħ f'waqtiet tal-ħajja taħt għamliet diversi tal-letteratura. Meta poplu jilħaq jistabilixxi letteratura bl-ilsien tiegħu, ikun laħaq grad ogħla ta' ċiviltà minn oħrajn li għandhom ilsien tagħhom mitkellem imma mhux miktub. Issa mhux il-letteraturi tal-popli kollha nħolqu u kibru xorta waħda fl-istess żmien; u d-daqs ta' l-artiiet mhux dejjem jew bilfors għandu x'jaqsam mal-kobor tal-letteratura. Fil-każ ta' pajjiżi żgħar, bejn wieħed u ieħor issib li ħafna kitba nħolqot bħala riżultat ta' xi moviment nazzjonali.

Hawnhekk ser nitħaddet fuq il-letteratura ta' l-Albaniżi — poplu żgħir li għal mijiet ta' snin kien mirfus taħt riġlejn it-Torok. Għandi quddiemi ktieb żgħir jismu *Albanian Literature*, li deher fl-1955, miktub minn Sturat E. Mann, li fost ħwejjeġ oħra ħareġ ukoll dizzjunarju Ingliż-Albaniż. Min jaqra dan il-ktieb ta' 122 paġna jsir jaf ix-xorti li messet 'l ilsien il-poplu Albaniż tul il-mixja tas-snin sa ma ġie magħruf bħala t-tifsira nazzjonali, tal-ħsieb u l-moħħ ta' dan il-poplu, għax kif kiteb wieħed mill-poeti tagħhom "Ilsien il-poplu stħajlu ragħaj li jieħu ħsieb il-merħla". U dan minkejja l-fatt li l-popolazzjoni ta' l-Albanija hija magħmula minn nies ta' razez diversi u ta' twemmin imħallat, kif ukoll imħallat huwa l-ilsien li jitkellmu.

Minn popolazzjoni ta' madwar miljun u nofs ruħ, wieħed minn kull sebgħa huma Kattoliċi, bħalna, u l-bqija Ortodossi. Il-Mawmettani jgħammru fin-nofs ta' l-Albainja, il-Kattoliċi fin-naħa ta' fuq, u l-Ortodossi n-naħa t'isfel. L-ilsien Albaniż huwa latinizzat ħafna; nieqes minn bosta kliem tal-biedja u kliem tekniku ieħor, kif ukoll minn kliem li jfisser nisel u ġebbieda jew parentela. Aktarx ta' nisel Latin huwa l-kliem u l-għajdut li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' l-ibliet, jew bini ta'

toroq, żrigħ u tixtil u ġonna liġi u reliġjon; waqt li mill-Islavoniku ħadu l-kliem tal-biedja u tal-għodod, u mill-Grieg ġejjin il-kliem taċ-ċerimonjal Ortodoss. Mit-Tork issellfu l-ismijiet ta' l-ilbies, ta' l-ikel u tat-taqsimiet tad-djar, waqt li mit-Taljan ġew l-ismijiet ġodda teknici tal-liġi u tax-xjenza. Għadhom qegħdin jitħabtu biex iwaqqfu sewwa u darba għal dejjem sistema ta' kitba u ta' grammatika.

Imma b'danakollu meta l-poplu sab ruħu dahru mal-ħajt kemm-il darba fil-ġrajja ta' l-Albanija n-nies fittxew jingħaqdu kontra l-ħakkiema u jilħqu 'l xulxin b'mezz ta' l-ilsien tagħhom. Tul is-seklu XV l-Albaniżi qalgħu taptipa wara l-oħra mingħand it-Torok, u ma' kull telfa ħafna kellhom jitturufnaw irwieħhom u jmorru l-Greċja, l-Italja jew Sqallija, fejn għad hemm nies imnisslin minnhom li jitkellmu għamla ta' Albaniż miftiehem minnhom. Sas-seklu XVIII ftit kien hemm kittieba, tneħħi xi wħud fi Sqallija li nxteħtu għall-ġbir tal-għana qadim u tal-ħrejjef u l-leġġendi li kienu ġiebu magħhom meta ħallew art twelidhom tliet mitt sena qabel. Ġo l-Albanija la hemm skejjel u lanqas stamperiji, u l-ħakkiema Torok lanqas ma xtaqu jġibu 'l quddiem il-kitba f'ilsien il-poplu għax beżgħu minn xi tixwix. Tant huwa hekk li għal mitt sena sħaħ, tista' tgħid tul is-seklu XIX kollu, bil-kemm deher ktieb wieħed ġo l-Albanija, waqt li barra minn pajjiżhom l-Albaniżi ipproduċew ħafna kitba fl-Italja fl-Eġittu, fir-Rumanija, fil-Greċja u fil-Bulgarija — artijiet fejn kien hemm kolonji sħaħ ta' nies eżiljati. Dik il-ħabta t-Torok kienu żammew il-poplu lura ħafna u bla tagħlim ta' xejn billi ipprojbew għal kollox il-ftuħ ta' l-iskejjel. Kullimkien f'dawn il-pajjiżi li semmejna l-kittieba kienu jfittxu li jiġbru l-folklore — il-għana u l-ħrejjef — u għalhekk il-biċċa l-kbira tal-letteratura Albaniża mhijiex ħaġ'oħra ħlief ġabriet ta' folklore magħmulin bil-ħsieb li jinżamm ħaj l-ideal nazzjonali li għandu jwassal għall-għaqda mill-ġdid ta' dawk l-eluf itturufnati minn pajjiżhom.

F'dan il-ktieb li semmejna, naqraw li ħafna kittieba kellhom kariga għolja fil-ħajja pubblika u b'danakollu mexxew 'il quddiem ilsien il-poplu. Wieħed minnhom kien Zef Schirò (1865-1927), Sqalli-Albaniż, poeta, folklorista u patrijott li laħaq Professur ta' l-ilsien Albaniż fl-Istitut Orjentali ta' Napli. Imbagħad kien hemm Mid'hat Frasheri (1880-1949), prożatur tajjeb,

kittieb ta' novelli, imrobbi f'Istanbul, imlaħħaq sewwa fis-Servizz Ċivil tat-Torok, li kellu jħalli fl-1910 biex jinxteħet għall-ħajja pubblika sakemm 1912 pajjiżu ħa l-indipendenza u Frasheri laħaq l-ewwel Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Fl-ewwel Gwerra Kbira kienu nternawh imma wara reġa' kien Ministru għal ħafna drabi, u darba wkoll għażluh Ambaxxatur f'Atene. Fit-tieni Gwerra Kbira, għalkemm xiħ, iġġieled kontra t-Tedeski sakemm fl-1945 kellu jħalli pajjiżu minħabba r-rebħa tal-Komunisti fil-Gvern. Sa l-1948 kien irnexxielu, minn Pariġi fejn kien, igħaqqad l-Albaniżi ta' bosta artijiet, u sena wara mar Londra u l-Amerika, u kien sejjer l-Eġittu biex iżur l-Albaniżi ta' hemm meta laħqitu l-mewt f'Ottubru ta' l-1949.

Luiġi Gurakugi (1839-1925), poeta, l-istess bħal Frasheri, inxteħet għall-politika u meta l-Albanija saret indipendenti laħaq l-ewwel Ministru ta' l-Edukazzjoni. Fil-Gwerra l-Kbira żamm ma' l-Awstrijaċi u ħeġġeġ il-Gvern biex joħroġ kotba ta' l-iskola bl-Albaniż, barra li fetaħ ukoll 200 skola elementari. Fl-1924 kien Ministru tal-Finanzi u sena wara, kif kien sejjer l-Italja, iltaqa' miegħu wieħed għadu politiku u qatlu.

Insemmu kittieb ieħor u biżżejjed. Ernest Koliqi (1903-) studja fi Brescia u mrawwem tajjeb fil-Letteratura Taljana, huwa mxaqleb ħafna lejn l-Italja. Qaleb f'ilsienu l-poeżija ta' Carducci u ta' Pascoli u fuq l-istil tal-klassiċi Taljani kiteb poeżija merfugħa u filosofika bl-ilsien tiegħu. Fl-1935 qaleb ukoll *I Sepolcri* ta' Ugo Fosocolo — ħaġa li tolqotna lilna l-Maltin għax kien sewwa sew dik il-ħabta li Dun Karm, il-poeta nazzjonali tagħna, qaleb għall-Malti u ħareġ l-istess poema *l-Oqbra*, li biħ żied ikabbar u jsebbaħ l-Kitba Maltija.

Dan Koliqi nbaram fit-taqlib politiku li ġara f'pajjiżu qabel il-gwerra u meta, f'April ta' l-1939, it-Taljani ħadu l-Albanija taħt idejhom, aċċetta li jsir Ministru ta' l-Edukazzjoni, waqt li fl-1943 sar President tal-Kunsill Faxxist ta' Tirana, il-belt kapitali. Meta l-Komunisti telgħu fil-Gvern fl-1945, Koliqi ħarab u baqa' jgħix Ruma.

Ma nistax noqgħod insemmi wieħed wieħed il-kittieba magħrufa li jissemmew f'dan il-ktieb ta' Stuart E. Mann. Ikolli ngħaddi għal ħaġ'oħra — il-motivi li l-aktar ispiraw il-kitba tagħ-

hom. Bħalma diġà rajna, ħafna mill-poeżija li dehret mhijiex ħlief ġbir ta' għana u leġġendi tradizzjonali. Fejn il-poeta bidel jew ħoloq xi ħaġa minn tiegħu aktarx li hemm nota ta swied il-qalb, ta' nostalġija. Nieħdu Schirò li semmejna. Fl-1900 dan ħareġ poema twil jismu *F'Art Barranija*. Huwa l-epoka tar-rifuġjati Albaniżi tas-seklu XV li wara li rifsu Napli marru joqogħdu fi Sqallija. Fil-bidu l-poeta fisser kemm kellu jara pajjiżu taħt it-Torok, imbagħad f'daqqa x-xena taqleb u jeħodna Palermo, ġurnata waħda lejlet il-Milied fejn, imdawwrin madwar il-mejda ta' l-ikel, kull wieħed mill-qraba ta' Schirò jgħid storja fuq il-kolonji Albaniżi, u tispiċċa fuq nota ta' ferħ għax l-Albaniżi ta' Sqallija jinsabu ħielsa u għad hemm tama li xi darba l-Albanija wkoll għad teħles mill-madmad tal-barrani.

Hekk ukoll l-aħjar versi liriċi ta' Filip Shiraka (1895-1935) huma wkoll nostalġiċi. Waħda mill-isbaħ, li naqraw miġjuba bl-Ingliż f'dan il-ktieb, jisimha *Lil Warda Midbiela*. Fiha l-poeta jistaqsi min kien dak li qata' l-warda biex hekk firidha minn sħabha u issa tinsab midbiela u mgħaffġa. Dan il-ħsieb ifakkar il-poeta fil-ħajja tiegħu nnifsu. Huwa wkoll mifrud minn niesu u minn sħabu, 'il bogħod minn artu, u jħossu midbiel u mgħaffeġ barra minn pajjiżu.

Xogħlijiet għall-palk m'ilhomx wisq li bdew jinkitbu. U l-istess, il-kitba dramatika aktarx għandha motivi patrijottiċi. L-aħjar kittieb ta' traġedji u kummiedji huwa Kristo Floqi (1873) avukat li kien l-ewwel wieħed li abbozza dokumenti legali b'ilsien il-poplu. Iktar mill-kitba għall-palk, dam ma kiber ir-rumanz fl-Albanija. In-novelli u l-*essays* l-aktar li jidhru f'rivisti u għadhom ma ġewx miġbura sewwa.

X'inhija x-xejra moderna tal-kitba? Fl-aħħar kapitlu tal-ktieb tiegħu, Stuart Mann igħidilna li mill-gwerra 'l hawn qegħdin jidhru xi motivi ta' propaganda Russa fil-letteratura Albaniża, ngħidu aħna ġustizzja soċjali, mibegħda tal-ħakkiema ta' dari, suġġetti industrijali u ekonomiċi. Il-palk ġej 'il qudiem taħt it-tmexxija ta' Kol Jakova, li qaleb ħafna drammi Russi. X'għad isir 'il quddiem ma nafux b'dawn il-ħafna kurrenti, wieħed kontra l-ieħor. Sal-lum il-kittieba kienu ftit, u aktarx dawk li studjaw fl-Italja, fi Franza, ir-Rumanija, l-Awstrija, l-Amerika jew ir-Russja. Imma t-tagħlim tal-poplu l-lum kiber, u meta jikber it-tagħlim jikber il-għadd ta' nies li jafu jaqraw, u tinħoloq ġenerazzjoni ġdida u iktar għammiela ta' kittieba f'ilsien il-poplu.